**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 07 ta' Frar, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 777/2005 AF**

**John Montebello u martu Rita Montebello ghal kull interess illi jista' jkollha**

**vs**

**Matthew, Laura u Mariella ahwa Montebello u Reuben Montebello li b'digriet tal-14 ta' Settembru 2005 gie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta l-eredità ta' Rosina Montebello**

Il-Qorti:

Rat iċ-ċitazzjoni maħlufa ta' John Montebello u martu Rita Montebello li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

Rosina Montebello, omm l-attur mietet fl-20 ta' Frar 1997 kopja tac-certifikat tal-mewt hawna nness u imamrkat Dokument "A", u halliet testment in atti Nutar Dottor Carmelo Vella Zarb datat 5 ta' Mejju 1991, kopja wkoll hawn annessa u mmarkata Dokument "B", kif wkoll kopja tar-ricerki Dokument "C" hawn annessi wkoll.

Iz-zewg l-imsemmija Rosina Montebello, Marco Montebello missier l-attur miet fit-12 ta' Lulju 1988 Dokument "D" testat inforza ta' zewg testmenti ippubblikati wiehed fis-26 ta' Jannar 1951 Dokument "E" in atti Nutar John Spiteri u testment iehor tad-19 ta' Lulju 1971 Dokument "F" in atti Nutar Joseph Agius – it-tnejn unica charta.

L-iskop ta' din l-azzjoni hija ta' servigi kontra l-eredità ta' Rosina Montebello giet premessa wkoll l-eredità ta' Marco Montebello peress li jista' jkun hemm xi assi indivizi.

L-attur u martu kienu daru ghal diversi snin u cioè mis-sena 1988 sas-sena 1997 b'Rosina Montebello.

Fit-testment taghha Rosina Montebello halliet bhala:

> *"prelegat remuneratorju inkluz sehem zewgha tal-fond bl-isem Phidias, f'Ditch Street, Paola bla numru f'din it-triq, inkluz iz-zewg garages maghha annessi u konnessi wiehed bil-bieb tieghu bla numru ezattament ma' genb l-istess dar f'Ditch Street u l-iehor bil-bieb tieghu numru mija hamsa u tmenin f'Arcade Street, Paola bid-drittijiet u pertinenzi kollha inkluza l-arja ta' fuqhom, kmamar u btiehi, liberi u franki kif ukoll l-oggetti kollha mobbli kontenenti fl-istress dar (eskluzi però l-oggetti kollha ta' gol-garage f'Ditch Street), mill-ghatba 'l gewwa liema proprjetà kollha fuq imsemmija u cioè d-dar, garages, kmamar btiehi b'kollox u mobbli li qed jithallew lill-istess pre-legatarju fl-intier taghhom u dana peress illi t-testatrici tiddikjara li taf li l-istess proprjetà ma hix taghha esklussivament izda tappartjeni wkoll in parti lill-eredi tal-mejjet zewgha izda hija trid u tordna li dan il-prelegat jigi konsegwit fl-intier tieghu. Dan il-prelegat qed jithalla bid-dritt ghas-sostituzzjoni volgari favur it-tfal u dixendenti tal-istess John Montebello u qieghed jithalla lilu bhala kumpens ghal dak kollu li huwa flimkien ma' martu Rita Montebello ghamlu mat-testatrici u ghad iridu jaghmlu bhala kura u assistenza ghaliha."*

L-attur accetta il-wirt u ghamel diversi atti di erede, akkwista wkoll is-sehem indiviz ta' hutu l-ohra werrieta ta' Marco

Montebello – mhux ta’ Rosina Montebello ghaliex hutu l-ohra li akkwista s-sehem huma mill-ewwel zwieg ta’ missierhom.

Il-prelegat remuneratorju ma jikkompensax ghall-pretensjoni tal-attur ghall-servigi u l-accettazzjoni tal-prelegat issodisfa parzjalment l-pretensjoni tal-atturi.

Il-konvenuti irrinunzjaw ghall-eredità ta’ Rosina Montebello u qed jagixxu ghall-legittima in forza ta’ citazzjoni numru 396/2002 pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti; l-attur hu pjenament konxju illi l-konvenuti qua legittimarji m’ghandhomx locus standi ghan-nom tal-eredità izda qed jigu citati ghal kull interess li jista’ jkollhom.

L-iskop ta’ din l-azzjoni wkoll hija li fil-konsistenza tal-eredità ta’ Rosina Montebello jigi accertat u iddikjarat gudizzjarajment il-pretensjoni tas-servigi kontra l-eredità.

Ghal kull buon fini l-attur qed jiddikjara li huwa accetta in toto u minghajr riserva u kundizzjoni l-eredità ta’ Rosina Montebello.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-atturi ghandhom intitolament ghall-servigi prestati lil Rosina Montebello.

2. Tillikwida tali ammont ta’ kumpens.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu tali ammont hekk likwidata.

4. Tordna li tigi elenkata fil-konsistenza tal-assi u l-passiv tal-wirt ta’ Rosina Montebello l-kreditu tal-atturi.

Bl-imghax mid-data tal-mewt ta’ Rosina Montebello.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi maħlufa minn John Montebello li kkonferma:

Rosina Montebello, omm l-attur mietet fl-20 ta' Frar 1997 kopja tac-certifikat tal-mewt hawna nness u imamrkat Dokument "A", u halliet testment in atti Nutar Dottor Carmelo Vella Zarb datat 5 ta' Mejju 1991, kopja wkoll hawn annessa u mmarkata Dokument "B", kif wkoll kopja tar-ricerki Dokument "C" hawn annessi wkoll.

Iz-zewg l-imsemmija Rosina Montebello, Marco Montebello missier l-attur miet fit-12 ta' Lulju 1988 Dokument "D" testat inforza ta' zewg testmenti ippubblikati wiehed fis-26 ta' Jannar 1951 Dokument "E" in atti Nutar John Spiteri u testment iehor tad-19 ta' Lulju 1971 Dokument "F" in atti Nutar Joseph Agius – it-tnejn unica charta.

L-iskop ta' din l-azzjoni hija ta' servigi kontra l-eredità ta' Rosina Montebello giet premessa wkoll l-eredità ta' Marco Montebello peress li jista' jkun hemm xi assi indivizi.

L-attur u martu kienu daru ghal diversi snin u cioè mis-sena 1988 sas-sena 1997 b'Rosina Montebello.

Fit-testment taghha Rosina Montebello halliet bhala:

> *"prelegat remuneratorju inkluz sehem zewgha tal-fond bl-isem Phidias, f'Ditch Street, Paola bla numru f'din it-triq, inkluz iz-zewg garages maghha annessi u konnessi wiehed bil-bieb tieghu bla numru ezattament ma' genb l-istess dar f'Ditch Street u l-iehor bil-bieb tieghu numru mija hamsa u tmenin f'Arcade Street, Paola bid-drittijiet u pertinenzi kollha inkluza l-arja ta' fuqhom, kmamar u btiehi, liberi u franki kif ukoll l-oggetti kollha mobbli kontenenti fl-istress dar (eskluzi però l-oggetti kollha ta' gol-garage f'Ditch Street), mill-ghatba 'l gewwa liema proprjetà kollha fuq imsemmija u cioè d-dar, garages, kmamar btiehi b'kollox u mobbli li qed jithallew lill-istess pre-legatarju fl-intier taghhom u dana peress illi t-testatrici tiddikjara li taf li l-istess proprjetà ma hix taghha esklussivament izda tappartjeni wkoll in parti lill-eredi tal-mejjet zewgha izda hija trid u tordna li dan il-prelegat jigi konsegwit fl-intier tieghu. Dan il-prelegat qed jithalla bid-dritt ghas-sostituzzjoni volgari favur it-tfal u dixendenti tal-istess John*

*Montebello u qieghed jithalla lilu bhala kumpens ghal dak kollu li huwa flimkien ma' martu Rita Montebello ghamlu mat-testatrici u ghad iridu jaghmlu bhala kura u assistenza ghaliha."*

L-attur accetta il-wirt u ghamel diversi atti di erede, akkwista wkoll is-sehem indiviz ta' hutu l-ohra werrieta ta' Marco Montebello – mhux ta' Rosina Montebello ghaliex hutu l-ohra li akkwista s-sehem huma mill-ewwel zwieg ta' missierhom.

Il-prelegat remuneratorju ma jikkompensax ghall-pretensjoni tal-attur ghall-servigi u l-accettazzjoni tal-prelegat issodisfa parzjalment l-pretensjoni tal-atturi.

Il-konvenuti irrinunzjaw ghall-eredità ta' Rosina Montebello u qed jagixxu ghall-legittima in forza ta' citazzjoni numru 396/2002 pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti; l-attur hu pjenament konxju illi l-konvenuti qua legittimarji m'ghandhomx locus standi ghan-nom tal-eredità izda qed jigu citati ghal kull interess li jista' jkollhom.

L-iskop ta' din l-azzjoni wkoll hija li fil-konsistenza tal-eredità ta' Rosina Montebello jigi accertat u iddikjarat gudizzjarajment il-pretensjoni tas-servigi kontra l-eredità.

Ghal kull buon fini l-attur qed jiddikjara li huwa accetta in toto u minghajr riserva u kundizzjoni l-eredità ta' Rosina Montebello.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-12 ta' Settembru 2005 li permezz tiegħu ġie nominat Reuben Montebello bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-eredità ta' Rosina Montebello.

Rat li l-istess kuratur ma ressaq ebda twegiba ghall-kawza.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Matthew, Laura u Mariella aħwa Montebello li permezz tagħha eċċepew illi:

Preliminarjament, it-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

Preliminarjament ukoll, l-intempestività tal-azzjoni attrici stante illi tali azzjoni ma gietx preceduta minn ebda interpellazzjoni sabiex isir dak li qed jigu mitlub bl-azzjoni odjerna.

L-eccipjenti odjerni mhumiex il-legittimi kontraditturi stante illi huma rrinunzjaw ghall-eredità ta' Rosina Montebello u qed jagixxu ghall-legittima in forza ta' citazzjoni numru 396/2002, u kwindi ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-kumpens ghal servigi mhuwiex dovut jekk ma jkunx gie miftiehem, u l-prezunzjoni hija illi s-servigi prestati mill-ulied lill-genituri taghhom ikunu gew hekk prestati gratuwitament u *familiaritatis causa*.

In oltre u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti stante illi kumpens ghal servigi m'ghandux jinghata meta l-ghajnuna moghtija ma tkunx tohrog 'il barra minn dak li hu ragjonevolment mistenni mill-ulied lejn genituri anzjani (*vide* 'Maria Barbara et – vs – Maria Dolores sive Doris Vella et', PAQC, TM – 20/06/2002).

In oltre, u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-atturi thallsu izjed minn dak li kien jispettahom ghal kwalsiasi servigi illi setghu talvolta ipprestaw.

F'kull kaz, sussidjarjament u assolutament bla ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, kwalsiasi ammont illi jista' talvolta jkun dovut lill-atturi ghal servigi ma jincidix fuq il-legittima spettanti lill-eccipjenti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti maħlufa minn Laura Montebello li bil-ġurament tagħha kkonfermat illi:

L-esponenti huma ulied id-defunt George Montebello, bin id-defunti Marco Montebello u Rosina Montebello.

L-attur huwa hu d-defunt George Montebello, missier l-esponenti.

L-esponenti rrinunzjaw ghall-eredità ta' Rosina Montebello u agixxew b'kawza ghall-legittima.

L-esponenti jafu illi l-atturi oltre illi thallsu ghal kwalsiasi servigi illi l-atturi setghu talvolta ipprestaw lid-defunta Rosina Montebello.

Id-defunta Rosina Montebello, bhala armla ta' Marco Montebello illi kellu negozju tal-irham, kienet persuna abbjenti.

Id-defunta Rosina Montebello ghamlet zmien twil rikoverata f'ospizju ghall-anzjani.

Rat li l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta biex tkompli tinstema' u tinqata'.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża inkluz it-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju mahtur mill-Qorti diversament presjeduta.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għal-likwidazzjoni u ħlas ta' serviġi reżi mill-atturi lil Rosina Montebello. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur John Montebello huwa iben Rosina Montebello li mietet fl-20 ta' Frar 1997. Il-konvenuti aħwa Montebello huma ulied il-mejjet George Montebello, iben Rosina Montebello u allura ħu l-attur. Għal madwar seba' snin qabel il-mewt tagħha, l-atturi konjuġi Montebello kienu marru jgħixu flimkien ma uliedhom ġewwa d-dar ta' Rosina Montebello peress li kienet għadha kemm sofriet *stroke* u ma setgħetx tgħix aktar waħedha. M'hemmx dubju li Rosina Montebello kienet totalment dipendenti fuq il-kura u assistenza ta' binha u

l-familja tiegħu.  Fl-aħħar xhur ta' ħajjitha hija reġgħet sofriet *stroke* ieħor b'riżultat li ttieħdet l-isptar fejn mietet fi Frar tal-1997.

Skont l-aħħar testment tagħha datat 5 ta' Mejju 1991, Rosina Montebello ħalliet legat rimuneratorju lil binha l-attur John Montebello:

> *"d-dar bl-isem ta' Phidias, f'Ditch Street, Paola bla numru f'din it-triq, inklużi żewġ garages magħha annessi u konnessi wieħed bil-bieb tiegħu bla numru eżattament ma' ġemb l-istess dar f'Ditch Street u l-ieħor bil-bieb tiegħu numru mija ħamsa u tmenin f'Arcade Street Paola bid-drittijiet u pertinenzi kollha inkluża l-arja ta' fuqhom, kmamar u btieħi, liberi u franki kif ukoll l-oġġetti kollha mobbli esistenti fl-istess dar (esklużi pero l-oġġetti kollha ta' ġol garage f'Ditch Street) mill-għatba 'l ġewwa liema proprjeta kollha fuq imsemmija, u ċioe id-dar, garages, kmamar, btieħi b'kollox u mobbli qegħdin jitħallew lill-istess pre-legatarju fl-intier tagħhom u dana peress illi t-testatriċi tiddikjara li taf li l-istess proprjeta ma hix tagħha esklussivament iżda tappartjeni ukoll in parti lill-eredi tal-mejjet żewġha iżda hija trid u tordna li dan il-prelegat jiġi konsegwit fl-intier tiegħu.  Dan il-prelegat qed jitħalla bid-dritt għas-sostituzzjoni volgari favur it-tfal u dixxendenti ta' l-istess John Montebello u qiegħed jitħalla lilu bħala kumpens għal dak kollu li huwa flimkien ma martu Rita Montebello għamlu mat-testatriċi u għad iridu jagħmlu bħala kura u assistenza għaliha."*

L-attur John Montebello akkwista r-rimanenti sehem ta' din il-proprjetà mingħand l-eredi ta' missieru Marco Montebello wara l-mewt t'ommu.  Fis-sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jikkontendu li dan il-legat rimuneratorju kien jikkonsisti f'sehem ta' 37.5% tal-proprjetà fl-intier tagħha.  Madanakollu, huma ma ressqu l-ebda prova dwar dan.

Rosina Montebello istitwiet bħala eredi universali tagħha lill-attur kif ukoll lill-ħuħ, binha l-ieħor George Montebello, bis-sostituzzjoni volgari ta' uliedhom.  Peress illi George Montebello miet qabel ommu, il-konvenuti aħwa Montebello wirtu lill-

Rosina Montebello flimkien mal-attur. Madanakollu, huma rrinunzjaw għall-wirt u pproċedew b'kawża kontra l-attur għall-leġittima (illum porzjon riżervat) spettanti lilhom skont il-liġi. Dik il-kawża kienet qiegħda tinstema' minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Jirriżulta allura li l-uniku eredi ta' Rosina Montebello huwa l-attur stess. Jidher għalhekk illi l-iskop ta' dawn il-proċeduri huwa sabiex mill-porzjon riżervat spettanti lill-konvenuti aħwa Montebello jitnaqqas bħala dejn tal-assi tad-decujus dak illi l-atturi jippretendu li huwa dovut lilhom għas-servigi reżi lill-Rosina Montebello peress illi jikkontendu li l-imsemmi l-legat rimuneratorju mhuwiex biżżejjed bħala kumpens għal dak kollu li għamlu magħha.

Il-Qorti tinnota li minkejja li Reuben Montebello, iben l-attur, aċċetta l-kurażija tal-eredità ta' Rosina Montebello, huwa ma ressaq l-ebda risposta.

Il-konvenuti aħwa Montebello ressqu diversi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, fosthom illi huma mhumiex il-leġittimi kontradittturi għat-talbiet attriċi. Din il-Qorti jirriżultalha mingħajr l-ebda dubju li din l-eċċezzjoni hija tajba, tant illi fiċ-ċitazzjoni stess, l-atturi jirrikonoxxu li l-konvenuti aħwa Montebello m'għandhomx *locus standi* f'dawn il-proċeduri għaliex huma rrinunzjaw għall-wirt ta' Rosina Montebello. In kwantu li f'din il-kawża qiegħed jintalab il-likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens għal servigi, huma biss l-eredi ta' Rosina Montebello li jistgħu jwieġbu għat-talbiet attriċi.

Ladarba ser tintlaqa' din l-eċċezzjoni, m'huwiex il-lok illi l-Qorti tinvestiga r-rimanenti eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

Fil-mertu, kif diġà ntqal it-talbiet huma għall-likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens għal servigi reżi lil Rosina Montebello fl-aħħar snin ta' ħajjitha. Madanakollu, fir-rigward tal-attur, ma tressqet l-ebda prova li huwa aċċetta l-eredità t'ommu bil-benefiċċju tal-inventarju u allura l-aċċettazzjoni tiegħu tal-eredità mingħajr kundizzjoni ħolqot konfużjoni bejn il-patrimonju tiegħu u dik ereditarja, bil-konsegwenza li anke li

kieku għall-grazzja tal-argument huwa għandu xi dritt kontra l-eredità t'ommu, huwa ma jistax jeżerċitah iżjed.

L-artikolu 1205 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li '*meta l-kwalità ta' kreditur u ta' debitur jingħaqdu fl-istess persuna, tiġri ipso jure konfużjoni illi toqtol id-dejn u l-kreditu.*' Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri qalet hekk fil-każ fl-ismijiet Francesca Rapa et vs Mary Bajada tat-3 ta' Marzu 2009:

> *"Il-ligi tiddistingwi bejn zewg metodi ta' accettazzjoni ta' eredita', accettazzjoni minghajr kundizzjoni jew bil-beneficcju ta' l-inventarju. Fl-ewwel kaz hemm konfuzjoni bejn il-patrimonju tal-mejjet u dak tal-werriet, fis-sens li jsiru patrimonju wiehed. Il-werriet jissuccedi kemm fl-attiv u kif ukoll fil-passiv. Fl-accettazzjoni bil-beneficcju tal-inventarju, m'hemmx din il-konfuzjoni fil-patrimonju.*
>
> *Skond l-Artikolu 1145 tal-Kodici Civili, wiehed mill-modi kif jispiccaw l-obbligazzjonijiet hi "bil-konfuzjoni" cjoe' "meta l-kwalita' ta' kreditur u ta' debitur jinghaqdu fl-istess persuna, tigri ipso jure konfuzjoni illi toqtol id-dejn u l-kreditu." (Artikolu 1205). Dan ovvjament ghaliex ma jkunx jaghmel sens li kreditur ihallas lilu nnifsu, u ghalhekk il-pretenzjoni ta' suggett fil-konfront tieghu nnifsu hi essenzjalment inkompatibbli ma' l-ideja guridika ta' obbligazzjoni; "La confusione puo' verificarsi in seguito ad atti tra vivi (per es, nella cessione di un'azienda verso la quale il cessionario aveva delle partite di debito),* ***oppure nella successione ereditaria – ed e' il caso piu' frequente – per tutti i rapporti in cui l'erede fosse debitore o creditore del defunto. Se gli eredi sono piu' d'uno, il debitore coerede e' liberato soltanto fino alla concorrenza della sua quota ereditaria sul credito che era del defunto.****" (Istituzioni di Diritto Civile, A. Trabucchi). Peress li skond l-Artikolu 849 tal-Kodici Civili l-accettazzjoni ta' wirt ghandha effett retroattiv, din il-konfuzjoni ssehh b'effett minn dak iz-zmien. Wiehed forsi jista' jistaqsi kemm f'kaz ta' accettazzjoni ta' wirt bil-beneficcju ta' inventarju l-krediti u d-drittijiet li ghandu l-werriet beneficjarju kontra d-decujus, jintemmu bil-konfuzjoni. Pero' f'dan il-kaz il-konvenuta ma ressqet l-*

*ebda prova li accettat il-wirt ta' missierha bil-beneficcju ta' l-inventarju.*

*Fic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li l-argument tal-atturi hu validu, in kwantu "....l'effetto estintivo della confusione e' fondato sul venir meno della struttura del rapporto obbligatorio, quale relazione intercorrente tra un debitore e un creditore* ***; la struttura del rapporto obbligatorio viene meno a seguito di una vicenda successoria che riunisce le posizioni di debito e di credito****." (Diritto Civile - l'obbligazione, Massimo Bianca). Gialadabra l-konvenuta hi l-unika werrieta ta' missierha u accettat il-wirt minghajr kundizzjoni, ifisser li bil-konfuzjoni spiccat kwalsiasi obbligazzjoni li seta' kellu missierha sabiex ihallasha ghall-ghajnuna li setghet tatu. Ghalhekk il-konvenuta m'hijiex gustifikata li tippretendi li ghandha dritt ghall-hlas ta' kumpens li jikkostitwixxi dejn tal-wirt li ghandu jitnaqqas mill-attiv ghall-ghanijiet ta' kalkolu ta' legittima."*

Il-Qorti taqbel perfettament mal-insenjament tal-Qorti fis-sentenza appena ċitata. Isegwi għalhekk illi t-talbiet tal-attur għal-likwidazzjoni u ħlas ta' serviġi reżi ma tista' qatt tiġi milqugħa kontra l-eredità t'ommu għaliex l-uniku eredi huwa l-attur stess.

Madanakollu, il-Qorti ssib illi xorta huwa l-lok li jiġi investigat il-mertu in kwantu li permezz ta' dawn il-proċeduri, mart l-attur ukoll qiegħda tressaq il-pretensjonijiet tagħha għall-kumpens għal servigi reżi lil Rosina Montebello.

In linea ta' prinċipju ġenerali, din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius, deċiża fil-11 ta' Diċembru 2003 rriteniet illi:

*"Ghar-rigward tal-meritu, hu veru li kien hemm epoka fil-gurisprudenza lokali, li, bejn wiehed u iehor, kien ikopri l-perjodu bejn l-1890 u l-1958, meta l-posizzjoni kienet illi ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkolu tal-konsanguinita` huma stretti, meta min jippresta s-servigi ma jkunx sofra perditi materjali, imma biss inkomoda ruhu*

*personalment, u dan sakemm ma jkunx hemm ukoll cirkostanzi li juru car illi tant mill-parti ta' min jippresta s-servigi kemm ukoll minn dak li a favur tieghu huma prestati kien hemm l-intenzjoni ta' kumpens – ara "Farrugia vs Farrugia", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Frar, 1938, u "Mifsud Speranza vs Frendo Randon", deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil- 15 ta' Gunju, 1942. F'dan il-perjodu, f'kaz ta' servigi prestati bejn parenti, s-servigi gew ritenuti prestati "familiaritatis causa" u kwindi l-presunzjoni kienet li ma kienx hemm il-hsieb ta' kumpens ghas-servigi rezi. Fil-gurisprudenza aktar ricenti, pero`, anke ghar-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludelment il-gratuita`, sija pure minhabba relazzjonijiet ta` parentela – ara "Ellul vs Ellul" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar, 1980, "Azzopardi vs Azzopardi", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Mejju, 1989, u "Attard vs Attard", deciza min din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru, 1989. L-istess posizzjoni ittiehdet minn din il-Qorti fil-kawza "Gili vs Grixti", deciza fit-3 ta' Ottubru, 1991, meta ntqal li fin-nuqqas ta' cirkostanzi li juru l-kuntrarju, kull servigi ghandu jigi ritenut prestat bi speranza ta' kumpens, u wkoll fil-kawza "Borg vs Gaffiero", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003.*

*Fil-kawza "Agius vs Galea" deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Frar, 1996, gie ribadit il-principju li l-gratwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment u ghalkemm, f'dak il-kaz, l-attrici rrendiet is-servigi mad-de cuius ghax kien missierha, li safa wahdu wara l-mewt ta' ommha u hi, bhala l-unika tifla fost zewg subien, hasset li ghandha tiehu hsieb missierha li ma kienx f'posizzjoni li jiehu hsieb lilu nnifsu, dan ma jfissirx li hi ma xtaqitx kumpens; lanqas il-fatt li ghal-sentejn ma resqetx talba ghall-kumpens, u ghamlet dan biss wara nkwiet ma hutha fuq id-deheb ta' ommha, ma fisser li hi ma kellhiex hsieb ta' remunerazzjoni.*

*…*

*Dwar il-quantum tal-kumpens, din il-Qorti fil-kawza, "<u>Vassallo vs Aquilina</u>", deciza fid-29 ta' Gunju, 1982, qalet li wiehed ghandu jzomm f'mohhu (i) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi; (ii) il-mezzi tal-konvenuta li benefikat mill-prestazzjonijiet u (iii) il-parentela ta' l-attur mal-konvenut.*

*Konsiderazzjonijiet ohra li gieli gew konsidrati mill-Qorti taghna huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess sahtu biex jaqdi lill-haddiehor, jekk humiex affarijiet li mhux kulhadd kapaci jidhol ghalihom, bhal meta il-qaddej idur bil-persuna tal-moqdi (ez. hasil), u jekk il-qaddej jinkorrix spejjez li taghhom ma jkunx gie rimborsat fil-mument tal-hrug taghhom.*

*....*

*Fil-fatt, minn studju tal-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke ghaliex it-talba ghal-hlas ta' servigi, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "<u>Delicata vs Saliba</u>", deciza fit-22 ta' Mejju, 1989, hi bazata fuq kwazi – kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn minn jirrendi s-servigi u l-beneficcjarju, u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi resi u l-hlas relattiv. Dan wassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xoghol li sar, izda adegwat mehud kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz. Hekk, fil-kawza "<u>Agius vs Galea</u>", gia kwotata, din il-Qorti qalet li, fil-fissazzjoni tal-kumpens, il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-istat socjali u ekonomiku tal-beneficcjarju, u ghat-tifla li, ghal diversi snin, kienet idur b'missierha li kien marid, jghix maghha fid-dar taghha, u jinqeda f'kollox bl-assistenza taghha, il-Qorti llikwidat kumpens ghal-darba wahda biss ta' LM 1500."*

Il-Qorti hija sodisfatta mill-provi li s-serviġi reżi kienu ta' natura straordinarja peress illi Rosina Montebello kienet *bedridden* u allura kienet tirrikjedi kura ta' natura impenjattiva.

Madanakollu, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża Cutajar vs Vella, deċiża fis-6 ta` April, 1982, f'kawża ta' din ix-xorta wieħed irid jikkunsidra wkoll kwalunkwe benefiċċji jew kumpens goduti mill-qaddej.

Fil-każ tal-lum, jirriżulta li l-familja Montebello marru jgħixu lkoll fid-dar ta' Rosina Montebello, tant illi biegħu d-dar matrimonjali. L-attur jikkontendi li kienu kostretti jbiegħu d-dar sabiex jiffinanzjaw il-bżonnijiet ta' Rosina Montebello, madanakollu, il-Qorti mhijiex konvinta xejn illi kienu verament kostretti jbiegħu d-dar sabiex ikollhom il-flus f'idejhom. Isegwi għalhekk illi l-flus li rċevew mill-bejgħ ta' darhom kien kollu benefiċċju għalihom. Il-Qorti qieset ukoll illi minkejja li huwa veru li l-attriċi kienet tieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' Rosina Montebello, l-atturi kienu jħallsu wkoll sabiex kuljum tiġi persuna tgħin fil-bżonnijiet tad-dar. Sakemm allegatament spiċċaw il-flus, għal din l-għajnuna fil-faċendi tad-dar kienet tħallas Rosina Montebello.

Fil-fehma tal-Qorti, ir-rendikont li ppreżenta l-attur dwar kemm allegatament kellu joħroġ flus minn butu għall-kura t'ommu huwa ferm dubjuż. Biżżejjed illi jingħad li l-attur ma ressaqx prova ċara dwar kemm kienet tircievi flus ommu mill-kera ta' proprjeta. Filwaqt illi jikkontendi li Rosina Montebello kienet tirċievi Lm20 fil-ġimgħa bħala kera mingħandu kif ukoll mingħand ħutu mill-ewwel żwieġ ta' missieru u anke għal xi żmien mingħand ħuħ George, huwa jniżżel fir-rendikont li pprepara li tul is-snin li għamlu l-atturi jieħdu ħsieb lill-ommu, hija rċeviet biss l-ammont ta' Lm4240 bħala dħul minn kirjiet. Dan meta sempliċi kalkolu ta' Lm20 fil-ġimgħa għal sena waħda biss iwasslu għall-figura ta' Lm1040. B'żieda ma dan kollu, l-attur naqas milli jispjega fhiex eżatt kienu jikkonsistu dawn il-kirjiet u l-figura li kienet tipperċepixxi Rosina Montebello għal kull proprjeta mingħand kull wieħed u waħda mill-eredi ta' żewġha Marco Montebello.

L-attur jikkontendi li l-legat rimuneratorju ma kienx biżżejjed sabiex jissodisfa l-pretensjonijiet tiegħu imma ma jressaq l-ebda prova dwar il-valur tas-sehem fil-proprjetà li kien jikkostitwixxi dan il-legat. Fis-sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jallegaw li dan is-sehem kien biss ta' 37.5% tal-valur

totali tal-proprjetà. B'żieda mal-fatt illi ma jressqu l-ebda prova dwar dan, il-Qorti ssibha diffiċli sabiex temmen illi l-valur ta' 37.5% ta' dar bil-mobbli kollha ta' ġo fiha u żewġ garaxxijiet annessi magħha ma kinux biżżejjed bħala rimunerazzjoni għas-serviġi reżi lill-Rosina Montebello. Bħala mart l-attur, il-Qorti hija konvinta li l-attriċi wkoll gawdit minn dan il-legat, kif gawdiet wkoll mill-bqija tal-assi tal-eredità ta' Rosina Montebello.

Meta wieħed iqis allura l-benefiċċji kollha li tul is-snin gawdiet l-attriċi, liema benefiċċji għadha tgawdi sal-lum, il-Qorti ssib li l-ebda kumpens ulterjuri ma huwa dovut għas-servigi reżi lil Rosina Montebello.

Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li din il-kawża saret b'reazzjoni għal dik istitwita mill-konvenuti aħwa Montebello għall-porzjon riżervat spettanti lilhom, bl-iskop li mill-assi tad-decujus jitnaqqas bħala passiv il-kumpens għas-serviġi reżi u naturalment sabiex il-konvenuti jipperċepixxu inqas in linea ta' porzjon riżervat. Madankollu, għar-raġunijiet kollha msemmija din il-Qorti tqis illi ma hemm l-ebda kumpens x'jiġi likwidat favur l-atturi u allura t-talbiet tagħhom għandhom jiġu miċħuda.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti Matthew, Laura u Mariella aħwa Montebello u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad it-talbiet tal-atturi fl-intier tagħhom kontra l-eredità ta' Rosina Montebello.

L-ispejjez jithallsu kollha minn John u Rita Montebello.

IMHALLEF

DEP/REG